**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 17 ta' Mejju 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 40/2014 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 1301/1987)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fit-13 ta' Awwissu 1987, gewwa l-Knisja ta' Sant'*

[1] Fol. 1 tal-proċess bin-numru 40/2014 AL.

*Antnin, Paola, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. A', u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal D B illi twieled fid-9 ta' Settembru 1990, u E B ili twieldet fil-31 ta' Awwissu 1992 u kwindi llum huma t-tnejn maggorenni (hawn annessi kopji tac-certifikat tat-twelid 'Dok. B' u 'Dok. C' rispettivament';*

2. *Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irredjabbilment minhabba sevizzi, eccessi, insulti u ingurji gravi da parti tal-konvenut u kien il-konvenut stess permezz ta' ittra li talab l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi b'kawza gH-firda personali kontra l-esponenti u dan a tenur tar-Reg. 4(1) ta' l-Avviz Legali 397 ta' l-2003, kif sussegwentament emendat;*

3. *Illi l-medjazzjoni bejn il-kontendenti inghalqet minghajr ma ntlahaq l-ebda ftehim u dana ghaliex l-konvenut C B ma attendiex ghas-seduti tal-medjazzjoni u b'hekk kellha ssir il-kawza odjerna;*

4. *Illi l-attriċi giet debitament awtorizzata tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti minn din l-Onorabbli Qorti bin-numru 320/14 tat-13 ta' Frar 2014, kopja ta' liema digriet tinsab annessa u mmarkata bhala 'Dok. D'.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici titlob bir-rispett prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimmenti opportuni li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-onvenut u gH-finijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda;*

2. *Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;*

3. *Tikkundana lill-konvenut sabiex iHas lill-attrici martu dik ir-retta limentari xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna ill-konvenut sabiex iHas lill-attrici,*

*minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut;*

4. *Tapplika kontra l-istess konvenut interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividi u tassenja l-istess f'zewg porzjonijiet ugwali;*

6. *Tittermina kull komunjoni ta' propjeta' ezistenti bejn il-kontendenti kif fuq inghad u tordna li l-oggetti hekk appartenenti kommunament lill-kontendenti jigu mqasma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista, 'inter alia' tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, occorrendo gH-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*

7. *Tawtorizza lill-attrici tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Salv provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportuni.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jigi min issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-eccipjent ma xtaqx illi wara vicin sitta u ghoxrin sena zwieg, il-ontendenti jinfirdu minn xulxin. Madanakollu, huwa jirrispetta x-xewqa ta' martu illi l-kontendenti jinfirdu u ghalhekk it-talba tal-attrici ghas-*

[2] Fol. 27.

*separazzjoni ma hiex opposta izda l-eccipjent jichad b'mod assolut u kategoriku illi huwa kien b'xi mod hati ghas-separazzjoni jew b'xi mod huwa ta' lok gH-firda tal-kontendenti u ghalhekk l-eccipjent jopponi ghal dik il-parti tal-ewwel talba tal-attri`I fejn l-attrici titlob illi jigi attribwit lilu t-tort ghas-separazzjoni.*

2. *Illi t-tieni talba ma hiex opposta.*

3. *Illi t-tielet talba tal-attrici gH-hlas lilha ta' manteniment hija opposta sew ghaliex l-attrici ghandha impjieg stabbli, kif ukoll ghaliex il-mezzi tal-esponent – pensjonat – ma jippermettulux illi jHas il-manteniment u kif ukoll ghaliex bl-imgieba taghha, l-attrici ddekadiet mid-drtt taghha gH-manteniment.*

4. *Illi r-raba' talba hija opposta stante illi l-eccipjent ma kienx hati tat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk ma hemmx lok gH-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attrici kontra l-konvenut.*

5. *Illi l-hames u s-sitt talbiet dwar ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezitenti bejn i-kontendenti mhijiex per se opposta, b'dana pero' illi ghandu jigi deciz illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u b'dan ukoll illi l-konvenut illi ma kien bl-ebda mod responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg ma ghandux jitqies iddekada mid-dritt tieghu illi jippercepixxi sehem minn dak akkwistat principalment bil-hidma tal-attrici u b'dan ukoll illi fil-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-gid appartenanti l-komunjoni ma ghandu jinghata ebda qies lil gid parafernali tal-eccipjent jew altrimenti minn gid illi gie akkwistat qabel ma gie kkontrattat iz-zwieg tal-kontendenti u b'dana ukoll illi l-attrici trid tirritorna gH-eventwali divizjoni ma' gid iehor kommuni, id-diversi oggetti, inkluz oggetti tad-deheb u gojjelli, illi hija hadet fil-pussess taghha meta haregt mid-dar konjugali;*

6. *Illi s-seba' talba ma hiex opposta.*

7. *Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tat-13 ta' Frar 2014 fejn iddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-attriċi tipproċedi b'kawża;[3]

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ bin-numru progressiv 1301 tas-sena 1987;[4]

Rat in-nota ġuramentata tal-attriċi tal-20 ta' Marzu 2014 li titkellem dwar: (i) ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieġ, (ii) l-ulied, (iii) il-manteniment, u (iv) elenku ta' dak li jappartjeni lir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti;[5]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Anna Mallia,[6] u sussegwentement issostitwitha b'Dr Abigail Critien,[7] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat is-sentenza *in parte* fl-ismijiet premessi, fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors tagħha tat-13 ta' Marzu 2020 u ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-konjuġi B;

Rat id-digriet tas-7 ta' Mejju 2020, fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors tagħha datat 13 ta' Marzu 2020, u b'hekk il-proċeduri odjerni ta' firda personali ġew ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili konvertiti fi proċeduri ta' divorzju;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[8]

Ikkunsidrat;

## KONSIDERAZZJONIJIET:

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

[3] Fol. 11.
[4] Fol. 6.
[5] Fol. 572.
[6] Maħtura nhar it-30 ta' April 2014, a fol. 60.
[7] Maħtura nhar l-24 ta' Mejju 2017, a fol. 451.
[8] Fol. 684.

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B, li kienu żżewġu nhar it-13 ta' Awwissu 1987. Minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, li huma maġġorenni, D u E, aħwa B, li għandhom tnejn u tletin (32) sena u tletin (30) sena rispettivament. L-attriċi qiegħda titlob il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, kif ukoll li jiġu regolati l-effetti konsegwenzjali ta' tali firda u ħall taż-żwieġ. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, b'dana illi xorta waħda għandu jiġi evalwat min mill-partijiet kellu l-ħtija li ġabet it-tifrik taż-żwieġ, u dan sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tapplika *o meno* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tawtorizza lill-attriċi tgħix separata minn żewġha;

3. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment adegwat għall-attriċi;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Min-naħa l-oħra l-konvenut, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ tirrisjedi unikament fuq l-attriċi. Fir-rigward tal-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni, il-konvenut jaqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi likwidata. Għaldaqstant, il-Qorti rat li l-partijiet ma għandhom l-ebda ħajra li jsalvaw iż-żwieġ tagħhom. Jidher ċar għall-Qorti li hemm disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' lil min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taż-żwieġ.

## 2. Ir-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ u l-Ħall taż-Żwieġ:

<u>*Ir-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:*</u>

<u>*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*</u>

Fin-nota ġuramentata tagħha,[9] u fir-rigward tar-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ l-attriċi tikkontendi illi tali responsabbilita' hi imputabbli unikament lill-intimat u dan minħabba sevizzi u nġurji gravi fil-konfront tagħha u ta' uliedha. L-attriċi tkompli tispjega illi *"il-komportament tieghu fid-dar huwa wiehed deplorabbli u intollerabbli. Kemm l-esponenti kif ukoll uliedhom kienu vittmi ta' vjolenza domestika bhala rizultat tal-agir tal-konvenut, li jitlef it-temperament malajr".*[10]

Konsegwentament u fl-affidavit tagħha,[11] l-attriċi tispjega illi ltaqgħat mal-konvenut l-Każin ta' Ħaż-Żabbar u bdew relazzjoni flimkien. Erba' (4) snin mill-bidu tar-relazzjoni tagħhom, iddeċidew li jiżżewġu, tant li dawn ingħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ fit-13 ta' Awwissu 1987. Il-problemi bdew jinqgħalu bejn il-partijiet wara t-twelid taż-żewġt (2) itfal tagħhom. Fil-fatt l-attriċi tgħid illi wara episodju personali li kellu l-konvenut waqt l-andament tax-xogħol, dan kien sar bla paċenzja u l-ħin kollu jgħajjat għal kull ħaġa ta' xejn. Magħdud ma' dan l-attriċi tgħid ukoll illi l-konvenut kien bniedem ta' karattru volatili mmens, tant li kien ta' spiss ikollu argumenti mal-kollegi tiegħu għal xejn b'xejn.

Flimkien mal-premess, l-attriċi ukoll tgħid li l-karattru tal-konvenut magħhom ġewwa d-dar kif ukoll man-nies fuq barra kien iddejjaqha ferm, għaliex kien dejjem jitkellem baxx u joffendi lil dak li jkun meta jkun burdata ħażina. Kien iħobb imeri, tiegħu biss kien tajjeb, jiġġieled mat-tfal, jitkellem b'mod arroganti u dejjem jagħmel ta' rasu. Konsegwentament jingħad illi s-sitwazzjoni ta' bejniethom iggravat meta l-attriċi wirtet lil ommha fis-sena 2008, għaliex dejjem kien moħħu fil-flus u x'ħa tagħmel bihom. Kien għalhekk li l-attriċi pprosegwiet sabiex tibda l-azzjoni għal firda personali.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha fir-rigward tal-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *Affidavit ta' D B, ossija iben l-attriċi, debitament maħluf nhar it-8 ta' April 2014 u ppreżentat nhar l-10 ta' April 2014*,[12] fejn jikkonferma l-verżjoni ta' ommu billi jagħmel referenza għal: (i) nuqqas ta' iġene personali, (ii) attitudni medjavali, (iii) atteġjamenti paranojiku. (iv) kwistjonijiet finanzjarji, (v) diżrispett totali, (vi) abbuż fiżiku, (vii) bla kunċett ta' ħażin u tajjeb;

[9] Fol. 572.
[10] Fol. 21.
[11] Fol. 35.
[12] Fol. 39.

b. *Affidavit ta' E B, ossija bint l-attriċi, debitament maħluf nhar it-2 ta' April 2014 u ppreżentat nhar l-10 ta' April 2014*,[13] fejn tikkonferma l-verżjoni ta' ommha billi tagħmel referenza għal: (i) nuqqas ta' iġene personali, (ii) atteġġjamenti paranojiku, (iii) kwistjonijiet finanzjarji, (iv) diżrispett totali, (v) abbuż fiżiku, (vi) bla kunċett ta' ħażin u tajjeb;

c. *Affidavit ta' F G H, ossija oħt l-attriċi, debitament maħluf nhar it-8 ta' April 2014 u ppreżentat nhar l-10 ta' April 2014*,[14] fejn tikkonferma l-verżjoni ta' oħtha;

d. *Affidavit ta' I J, ossija s-Surmast tal-Banda tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel Ħaż-Żabbar u jaf liż-żewġ partijiet, debitament maħluf nhar id-9 ta' April 2014 u ppreżentat nhar l-10 ta' April 2014*,[15] fejn jikkonferma l-verżjoni tal-attriċi.

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*

Il-konvenut xehed permezz ta' affidavit,[16] fejn jikkonferma li ltaqa' mal-attriċi ġewwa l-Każin ta' San Mikiel Ħaż-Żabbar u bdew joħorġu flimkien f'Ottubru 1983, u dan minkejja li omm l-attriċi ma riditx taf bil-konvenut. Jiġi spjegat li omm l-attriċi kienet persuna li jsir biss dak li tgħid hi, tant li skontu l-attriċi kienet maħqurha minn ommha. Jingħad li l-partijiet iżżewġu nhar it-13 ta' Awwissu 1987, u kien hemm rispett u imħabba bejniethom. Konsegwentament kellhom l-ewwel wild, fejn dan ma kienx jara ħafna lin-nanniet materni tiegħu u ma kienx jgħajtilhom nanna u nannu, iżda kien jgħajtu hekk lil I J u martu, li magħhom kienu joħorhu kull nhar ta' Ħadd. Il-konvenut jiċħad illi huwa ma trabbiex fl-imħabba u għożża tal-ġenituri tiegħu. Jisħaq li ma jafx x'kienet tagħmel l-attriċi bil-paga tagħha, iżda għalkemm kienet tgħid li ma kienetx tlaħħaq mal-ħajja, il-flus tac-*children allowance* qatt ma ntużaw. Jispjega ukoll li kien dejjem iħallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, internet, telefon, filwaqt li kien jagħti lill-attriċi s-somma ta' €640 għall-ħajja. Kien iħallas ukoll il-ħsarat kollha, jieħu ġsieb il-manutenzjoni ta' kull ma jinqala', transport tat-tfal, spejjeż relatati mal-iskola, u attivitajiet extra-kurrikulari. Jikkonferma li la lil martu kif ukoll lil uliedu, huwa qatt ma ħallihom nieqsa minn xejn.

[13] Fol. 45.
[14] Fol. 49.
[15] Fol. 57.
[16] Fol. 438.

Jingħad illi skontu dejjem kien hemm relazzjoni tajba bejnu u l-attriċi, jinħabbu u lit-tfal qatt ma ħallewhom neqsin minn xejn. Pero' jikkontendi illi ftit xhur qabel ma telqu mid-dar kien hemm tibdil fl-aġir tagħhom. Jinnota ukoll li meta kien jiġi għandhom I J, ibnu u I kienu jitbissmu minn wara daharu, l-attriċi ma baqgħatx tiftaħ qalbha miegħu, tagħti kasu kif kienet qabel, u r-relazzjoni emozzjonali tagħhom birdet għal kollox. Kienet bdiet toqos mili tinfurmah dwar ċertu affarijiet, u tkellmu bil-herra. Fil-fehma tal-konvenut għal aktar minn għoxrin (20) sena qatt ma kellu problemi ma' martu, jiċħad li qatt kien vjolenti jew nissel biża', iżda jgħid li l-kundizzjoni ta' bintu ġabet effetti fuq il-ħajja miżżewġa stante li huwa kien jinsisti li t-tifla kien għad kellha bżonn il-kura, filwaqt li l-attriċi kienet iżżomm ma' bintha u tgħid li binthom setgħat tikkura lilha nnifisha.

F'affidavit ulterjuri,[17] il-konvenut jikkontendi illi huwa pprova jirranġa r-relazzjoni tiegħu ma' martu tant li kien mar għand ta' Kana u kellem lil Fr Jose Mizzi u kellem ukoll lic-Chaplain tal-Army Fr Vicgorg Vassallo. Jiċħad li ma kienx jieħu ħsieb persuntu, kif ukoll li bgħat dawk il-messaġġi lil ibnu.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

a. *<u>Erba' (4) cds li juru videos tal-familja</u>*;[18]

b. *<u>Ix-xhieda ta' Dr K L bħala ħabib tal-konvenut</u>*,[19] fejn jikkonferma illi ilu jaf lil konvenut għal ħamsa u tletin (35) sena meta kien fil-politika, u jafu bħala bniedem jaħdem ħafna biex itejjeb l-għixien tal-familja, fil-fatt jgħid li l-konvenut kien jagħmel ħafna *over-time* u jaħdem *part-time jobs*. Spjega li kien jiftaħar ħafna b'uliedu, u dwar ir-rapport tiegħu ma' martu ma jaf xejn u qatt ma sema' lil konvenut jgħid kontra tagħha u ta' uliedu. Anzi jgħid li kien jinkwieta fuq bintu għax tbati biz-zokkor, u f'dawn iċ-ċirkostanzi biss li kien ikollu xi jgħid mal-attriċi għax skontu kienet taħbilu. Jispjega li għalkemm il-konvenut kien jippruvja jikkuntatja lil uliedu, dawn dejjem irrifjutawh;

c. *<u>Affidavit ta' Dr K L, ossija ħabib tal-konvenut</u>*,[20] fejn jikkonferma illi l-konvenut għaddej minn *depression* qawwija li saħansitra jgħaddulu ħsibijiet ta' suwiċidju. Jingħad li l-konvenut għadda u għadu għaddej minn trawma qawwija minħabba li bintu hija marida bid-*diabete* u *anorexia*. Jiġi

[17] Fol. 664.
[18] Fol. 444a, 445.
[19] Fol. 389.
[20] Fol. 445a.

kkonfermat illi l-konvenut kien u għadu nervuż, iżda qatt ma ħaqar jew sawwat lil martu u/jew uliedu, u għalhekk dawn waslu biex abbandunawh wara sagrifiċċji kbar li għamel għalihom. Il-konvenut ma jistgħax jifhem għala ma jridux ikelmuh, u għalhekk il-kundizzjoni tiegħu qed tkompli tiddeterjora. Il-konvenut jiġi deskritt bħala persuna b'qalb tad-deheb, ġeneruż u dejjem lest biex jgħin. L-abbandun ta' uliedu kienet weġgħa li tefgħat lil konvenut fis-sitwazzjoni li jinsab fiha llum;

d. Ix-xhieda ta' M N,[21] ossija ħu l-konvenut iżda minn missier differenti, fejn jikkonferma illi kien għamel lil konvenut xi xogħol id-dar u l-attriċi ma kellhiex pjaċir bih. Jirrakonta kif darba kien mistieden għal *barbeque* għand il-konvenut, iżda l-attriċi u lanqas uliedhom ma kienu preżenti;

e. Ix-xhieda ta' I J in kontro-eżami,[22] fejn jikkonferma li kien ħabib tal-familja u kien in kuntatt mal-konvenut sakemm dan tal-aħħar sar jaf li huwa kien ippreżenta affidavit. Skont jgħid li huwa ma kienx jaf b'xi nuqqasijiet li kellha l-attriċi, lanqas li kienet dawret xi flus fuq isem uliedhom, jew li kienet ilha tippjana biex titlaq mid-dar. Fuq il-konvenut jgħid li t-tfal ma kien jonqoshom minn xejn u kien responsabbli bħala missier, u dan skont dawk il-ftit sigħat li imur għandhom matul il-ġimgħa. Jispjega illi l-konvenut u l-familja tal-attriċi ma kienux jitkellmu. Jgħid ukoll illi C kien u għadu jitlalu malajr, u dan għaliex kien dejjem ikun irid li tgħaddi tiegħu. Jispjega illi l-konvenut ma huwiex kappaċi juri imħabba u tolleranza minħabba t-trobbija li kellu;

f. Ix-xhieda tal-attriċi in subizzjoni,[23] li tiddikjara li ma għandhiex karozzi reġistrati fuq isimha iżda tuża l-vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL-686. Tgħid ukoll illi lit-tfal tathom is-somma ta' madwar €4,000 kull wieħed mill-kont fejn kien jidħol iċ-*children allowance*¸ kif ukoll €25,000 kull wieħed mill-wirt tagħha ta' €50,000 fi flus kontanti li kienu depożitati f'kont mar-Rocs Limited u konsegwentament imsarfa. Tgħid li wirtet ukoll garaxx li jinsab ix-Xagħjra, li huwa vojt u mhux mikri. L-attriċi tikkonferma ukoll illi ilha taħdem fuq bażi *full-time* sa mill-2008 mal-Maltapost filwaqt li qabel kienet taħdem bħala *helper* man-nies. Tispjega illi meta kienet għadha mal-konvenut, dan tal-aħħar kien jagħtiha s-somma ta' €640 mill-paga tiegħu u dan meta hi bdiet taħdem, apparti li

[21] Fol. 409.
[22] Fol. 417, 424.
[23] Fol. 343, 349.

kien iħallas id-dawl u ilma, filwaqt li l-bilanċ rimanenti kien jiġi depożitat f'kont bankarju konġunt li għalih it-tnejn kellhom il-*credit card*;

g. *L-attriċi in kontro-eżami*,[24] tispjega illi li għalkemm il-konvenut kien jagħtha għal ħajja, huwa ma kienx jagħtiha għal spejjeż anċillari. Skontha l-argumenti l-aktar kienu minħabba li omm l-attriċi ma kellhiex pjaċir bih. Madanakollu tgħid li sakemm it-tfal kienu żgħar ma kienx hemm problemi, u lanqas ma' oħt l-attriċi. Iżda tikkonferma illi wara li l-konvenut kien dam tmienja u erbgħin (48) siegħa arrestat, l-affarijiet aggravaw. Kien jiġi minn barra dejjem irrabjat. Tgħid li telqet mid-dar fl-2014;

F'kontro-eżami ulterjuri,[25] l-attriċi1i tgħid li l-partijiet kienu jiġġieldu fuq kollox għaliex kulma kien jiġri kienet teħel hi għalkemm ma tiftakarx uħud minn dawn l-episodji, iżda tgħid li kienu jiġġieldu b'mod speċjali dwar l-iġene tiegħu, iżda kien ikun hemm drabi li kienu jiġġieldu rigward it-tifla minħabba l-kundizzjonijiet tagħha, ossija d-*diabete* kif ukoll l-*anorexia*. Rigward il-flus taqbel li l-konvenut kien iħallas numru ta' affarijiet minn butu, iżda kif jonfoq ħafna fuq l-*aquariums*;

F'kontro-eżami ieħor,[26] l-attriċi tgħid li waqfet tuża l-vettura tat-tip Toyota Vitz reġistrata fuq isem il-konvenut bejn is-sena 2015 u 2016, u minnflok bdiet tuża l-vettura tat-tifel D B peress li dan qiegħed jgħid l-Iskozja.[27] Tispjega illi mill-paga tagħha ma kienet iġġemma' xejn għaliex kienet tużahha kollha kemm hi għal bżnnijiet tat-tfal u tal-familja;

h. *Kontro-eżami ta' D B*,[28] fejn jgħid li huwa tabib, jgħix l-Iskozja u miżżewweġ. Telaq jgħix l-Iskozja fl-2015, u żżewweġ fl-2017. Jikkonferma li missieru ma kienx preżenti għat-tieġ tiegħu, u li lanqas kien qallu li mar jgħix barra minn Malta. Jgħid li kellu tifel fl-2019, u li lanqas b'dan ma jaf missieru, stante li huwa ma jkellmux. Huwa waqqaf il-kuntatt b'mod konkret f'Marzu 2018 minħabba messaġġi li kienu mibgħuta mill-konvenut li kienu jdejquh,[29] apparti li kien ikun hemm mumenti fejn il-konvenut kien jaqbad argument fuq ommu. Jikkonferma illi ommu kienet tatu donazzjoni u li l-vettura li bħalissa qed tuża ommu hija tiegħu li kien xtraha hu minn flusu;

[24] Fol. 433.
[25] Fol. 478.
[26] Fol. 483, 488.
[27] Fol. 490, 491 li jistabbilixxu li l-vettura kienet mixtrija minn iben il-partijiet.
[28] Fol. 495.
[29] Fol. 502, 503 li juru messaġġi li l-konvenut bagħat lil ibnu.

i. *Ix-xhieda ta' E B*,[30] li kkonfermat li ommha dawret il-flus tal-wirt fuq isimha, u li ma għandha l-ebda oġġezzjoni illi MSV Life jagħtu d-dettalji in kwistjoni;

j. *Kontro-eżami ta' E B*,[31] fejn tgħid li ma tiftakarx xi ħaġa tajba li kien jagħmel għalihom misserha. Madanakollu tgħid li tiftakar illi ommha u missierha kien ikollhom argumenti minħabba fiha minħabba l-kundizzjoni tad-*diabete*. Tiċħad li kienet tbati mill-*anorexia*. Min-naħa l-oħra tikkonferma li missierha kien suldat u kellu *part-time job*, u li kellu d-delizzju tal-mutur u għasafar. Tikkonferma ukoll li minkejja li missierha kellha inċident bil-mutur huwa xorta waħda mar jaħdem.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. Artikolu 66D tal-Kodiċi Ċivili: Id-Divorzju Mogħti fuq Talba ta' Waħda mill-Persuni Miżżewġin:*

Dan l-artikolu tal-liġi, f'subinċiż 1 jiġi stipulat illi:

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba".*

Konsegwentament, u b'referenza speċifika għal subinċiż 3, il-liġi tisħaq illi:

*"Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet*

[30] Fol. 373.
[31] Fol. 639.

*imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaqf'kawża ta' separazzjoni".*

b. <u>*Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*</u>

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[32] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[33] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[34] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

---

[32]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. J nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[33]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[34]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. J fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[35] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[36] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[37]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[38]

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*</u>

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment.

Mill-atti li għandha quddiemha, il-Qorti tinsab moralment konvinta li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser *primarjament* b'mod irrimedjabbli nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, senjatament u dan fil-fehma tal-Qorti, id-disgwid fuq il-kundizzjonijiet li kienet qiegħda tbati minnhom binthom E B. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li dan kien isir fl-interess ta' binthom, pero' jirriżulta li nelfrattemp binthom kienet diġa' maġġorenni u allura tali ġlied kien qed iseħħ inutilment għaliex fil-verita', fl-aħħar mill-aħħar E stess kellha tiddeċiedi x'inhu l-aħjar għaliha u mhux il-ġenituri tagħha, għalkemm dawn tal-aħħar setgħu dejjem jagħtuha parir għal ġid tagħha. Għalhekk, il-Qorti hija moralment konvita li dan id-disgwid kien jinqala' minħabba l-persistenza tal-konvenut, li hekk kif ġie ddikjarat mill-ħabib tiegħu stess, it-tabib Dr K L, tali kundizzjonijiet kienu ta' trawma kbira għal konvenut. Il-Qorti tkompli tikkonvinċi ruħha dwar dan, għaliex mill-atti jirriżulta ukoll hekk kif ġie kkonfermat iktar minn darba illi l-konvenut huwa persuna nervuża u li jrid li tgħaddi dejjem tiegħu, u dan jingħad mingħajr ma l-Qorti tiskredita t-tajjeb tal-konvenut bħala missier. Pero' għalkemm din il-Qorti ma

[35]**A Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[36]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[37]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[38]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

hijiex tal-fehma illi l-konvenut huwa raġel ħażin, huwa inkonfutabbli illi l-insistenza u l-ibusija ta' ras tal-konvenut fuq medda ta' snin, taw lok sabiex iwasslu għad-deterjorament taż-żwieġ bejn il-partijiet. Fid-dawl ta' dan u filwaqt li l-Qorti ssib lill-intimat ħati ta' inġurji gravi, min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistgħax issib lill-intimat ħati tal-kapijiet l-oħra għaliex fil-fehma tagħha dawn ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

## *Il-Ħall taż-Żwieġ:*

Stabbilit min għandu l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-ħall taż-żwieġ. Jiġi ribadit illi sabiex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, u dan f'każ li tali talba saret qabel l-emendi tal-2021, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

i. Fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' (4) snin matul il-ħames (5) snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

ii. Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

iii. Il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[39]

Fil-każ odjern jirriżulta illi:

i. Il-partijiet isseparaw *de facto* fis-sena 2014, u b'hekk il-partijiet ilhom disa' (9) snin separati *de facto* minn xulxin;

ii. Preżentement m'hemm l-ebda dubju illi m'hemmx ħjiel ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u dana in vista li, t-tnejn qegħdin jaqblu li għandhom jgħixu ħajja separata minn xulxin;

[39] Il-Qorti tirribadixxi illi Artikolu 66B ġie emendat l-aħħar permezz tal-Att XXV tal-2021, iżda ġialadarba t-talba odjerna saret proprju fl-2020, il-liġi applikabbli għal każ odjern għandha tkun dik ta' qabel tali emendi. Proprju għalhekk li l-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni tali rekwiżiti sabiex tasal għall-ġudizzju tagħha jekk għandhiex tiġi akkolta *o meno* t-talba tal-attriċi.

iii. Għalkemm l-attriċi qiegħda titlob li tingħata manteniment, *pendente lite* din qatt ma ngħatat tali manteniment u *se mai* tali kwistjoni ser tiġi riżolta permezz ta' tali sentenza. B'hekk fil-preżent ma hemmx kwistjonijiet u pendenzi dwar il-manteniment.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiċħad it-talba tal-attriċi. Għaldaqstant, jirriżulta li l-provi mrsqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili għal ksib tad-divorzju.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, il-konvenut instab ħati ta' inġurji gravi, u għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi odjerni huwa xieraq illi s-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati *in toto* fil-konfront tal-konvenut.

**4. Manteniment għall-Attriċi:**

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taż-żwieġ u ġialadarba l-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut ma għandu l-ebda dritt għal manteniment minn għand l-attriċi. Madanakollu u min-naħa l-oħra, ġialadarba l-attriċi ma nstabitx ħatja bħall-konvenut, l-attriċi jibqala' l-jedd li titlob il-manteniment minn għand żewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-*

*zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom".*[40]

Għaldaqstant fil-każ odjern kien jinkombi fuq l-attriċi l-oneru li tressaq il-provi rigward il-ħtiġijiet u d-dħul rispettiv tal-partijiet ġialadarba resqet talba għall-manteniment. Dan ifisser li l-attriċi kien jeħtieġilha illi tistabbilixxi: (i) l-introjtu tal-partijiet, (ii) prova li l-introjtu tagħha ma huwiex suffiċjenti tenut kont tal-elenku tal-ħtiġijiet tagħha, u (iii) raġuni suffiċċjenti għaliex qiegħda tippretendi li titħallas manteniment fix-xahar mingħand il-konvenut. Il-Qorti tara li f'dan il-kuntest, l-attriċi ma resqet l-ebda prova.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fil-preżent, l-attriċi ma jeħtiġilhiex tiġi mantenuta mill-konvenut, u dan fid-dawl tal-fatt illi: (i) l-attriċi għandha 57 sena u tinsab f'impjieg *full-time*, b'hekk il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-attriċi tista' tkompli tkun finanzjarjament indipendenti, (ii) mill-atti ma rriżultax li l-attriċi għandha xi impediment milli taħdem speċjalment hekk kif uliedha ormai huma maġġorenni u għandhom impjieg, u (iii) matul il-kawża odjerna, il-Qorti kienet ċaħdet it-talba għal manteniment *pendente lite.*

Għaldaqstant il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus,* ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut. Madanakollu u fi kwalunkwe l-każ, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment.

## 5. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar it-13 ta' Awwissu 1987, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

[40] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.

Bis-saħħa tas-sentenza parzjali mogħtija nhar it-18 ta' Frar 2021,[41] il-Qorti laqgħat it-talba tal-partijiet kif dedotta fir-rikors tal-attriċi datat 13 ta' Marzu 2020, u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti, jirriżulta illi:

L-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda ta' Joseph B in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc*,[42] fejn ikkonferma li: (i) fuq isem l-attriċi hemm kont wieħed biss,[43] (ii) fuq isem ir-raġel hemm erba' (4) kontijiet,[44] fejn tnejn minnhom huma magħluqa, u (iii) fuq isem it-tnejn b'mod konġunt il-partijiet għandhom tlett (3) kontijiet,[45] fejn tnejn minnhom huma magħluqa;

b. *Ix-xhieda ta' Audrey Ghigo in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*,[46] fejn ikkonfermat li: (i) fuq isem l-attriċi hemm ħames (5) kontijiet,[47] fejn wieħed biss għadu attiv, (ii) fuq isem il-konvenut ma hemm l-ebda kont reġistrat fuq isemu, u (iii) fuq isem it-tnejn b'mod konġunt il-partijiet għandhom tlett (3) kontijiet;[48]

c. *Ix-xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[49] fejn jikkonferma li fuq isem il-mara ma sab l-ebda vettura reġistrata,[50] filwaqt li fuq isem il-konvenut sab li fil-passat kellu reġistrati fuq ismu erba' (4) vetturi,[51] filwaqt li fil-preżent għandu tlett (3) vetturi reġistrati fuq ismu,[52] ossija vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL-686,

[41] Fol. 25, tal-Atti bin-Numru 2/2015/2 AL.
[42] Fol. 67.
[43] Fol. 80 – 85.
[44] Fol. 86 – 94.
[45] Fol. 95 – 134.
[46] Fol. 68.
[47] Fol. 236 – 317.
[48] Fol. 135 – 235.
[49] Fol. 67.
[50] Fol. 78, 79.
[51] Fol. 73.
[52] Fol. 74.

vettura tat-tip Peugeot Tweet bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM-361, u vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni HBO-608;

d. *Ix-xhieda ta' Simon Vella in rappreżentanza ta' Rocs Limited*,[53] fejn iddikjara illi l-partijiet għandhom żewġ investimenti *bonds* mal-MSV Life fejn: (i) fl-ewwel investiment li beda nhar it-13 ta' Novembru 2000 u l-ammont investit kien ta' €26,915.28 u llum jiswa €36,815.94,[54] u (ii) fit-tieni investiment li beda nhar id-9 ta' Mejju 2007 u l-ammont investit kien ta' €41,690.71 u llum jiswa €52,883.10.[55]

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jisħaq illi id-dar matrimonjali xtrawha flimkien, iżda l-attrezzaturi u l-mobbli kollha xtrahom hu. Jispjega ukoll illi xtara garaxx, u li l-villeġġjatura bin-numru 45 fi Triq ix-Xilep, Xgħajra Żabbar, inxtraw fiż-żwieġ. Apparti li hemm numru ta' flus depożtati l-bank, deheb, u vetturi. Barra minn hekk jgħid illi a kuntrarju tiegħu, il-paga tal-attriċi qatt ma kienet għad-disposizzjoni u l-użu tal-familja, iżda jistenna li dawn jittiehdu in konsiderazzjoni.[56] Huwa ressaq ukoll is-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda ta' Denise Bezzina in rappreżentanza ta' MSV Life*,[57] fejn jikkonferma li hemm tlett (3) *policies* konġunti, fejn tnejn (2) minnhom huma *unit linked* bin-numru FP434079 mibdija nhar id-9 ta' Mejju 2007[58] u FP 404169 mibdija nhar it-13 ta' Novembru 2000,[59] filwaqt li l-oħra hija *single premium plan* bin-numru FP441507 mibdija fit-18 ta' Lulju 2008 u mmaturata fit-18 ta' Lulju 2013.[60] Fir-rigward ta' dawk it-tnejn li huma *unit linked*, jirriżulta li għadhom attivi u li jiskadu biss f'każ ta' mewt u meta l-partijiet jagħmlu *surrender*. Tispjega ukoll li kien hemm *policy* oħra bin-numru FP448549 li nfetħet nhar il-11 ta' Ġunju 2009 b'investiment ta' €45,000 permezz ta' ċekk minn Fexco Financial Services *inheritance* u konsegwentament ġew miżjuda b'€5,000 nhar it-22 ta' Ġunju 2010 u b'€10,000 nhar l-20 ta' Lulju 2013 bħala *'sale of property/gift from mother'*, li oriġinarjament kienet fuq isem l-attriċi iżda sussegwentament din ġiet trasferita fuq bint il-partijiet nhar l-20 ta' Lulju 2013 u ġiet *surrendered* nhar it-12 ta' Awwissu 2013 u ħadet is-somma ta' €74,055.60;[61]

---

53 Fol. 336.
54 Fol. 339.
55 Fol. 338.
56 Fol. 443.
57 Fol. 348, 355, 384.
58 Fol. 353.
59 Fol. 354.
60 Fol. 352.
61 Fol. 358, 387.

b. *Ix-xhieda ta' Sharon Delia in rappreżentanzata' Fimbank*,[62] fejn irriżulta li l-partijiet ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-bank in kwistjoni;

c. *Ix-xhieda tar-rappreżentanta ta' Volksbank*,[63] fejn irriżulta li l-partijiet ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-bank in kwistjoni;

d. *Ix-xhieda ta' Peter M Sacco in rappreżentanza ta' Banif Bank*,[64] fejn irriżulta li l-partijiet ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-bank in kwistjoni;

e. *Ix-xhieda ta' Jeanette Lepre in rappreżentanza ta' Lombard Bank*,[65] fejn irriżulta li l-partijiet ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-bank in kwistjoni;

f. *Ix-xhieda ta' Rebecca B in rappreżentanza ta' APS Bank*,[66] fejn irriżulta li l-partijiet ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-bank in kwistjoni;

g. *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżetanza tal-Bank of Valletta plc*,[67] fejn ikkonfermat illi nhar l-1 ta' Novembru 2013 sar trasferiment ta' €5,000 mill-kont bin-numru 40019161628 li jinsab intestat fuq isem l-attriċi, u li din is-somma ġiet minngħand D B u dan skont id-dokument eżebit li juri dan. Jidher li ġiet trasferita wkoll is-somma ta' €2,000 minngħand D B, filwaqtli nħareġ ċekk ta' €1,400 lil Stylish Homes, u s-somma ta' €1,340 nġibdet *cash* mill-attriċi.[68] Fir-rigward tal-kontijiet ta' D B, jidher li hemm żewġ kontijiet li għadhom attivi, kif ukoll *credit card* u *life policy* bin-numru FP482037;[69]

h. *Ix-xhieda ta' Dr Christopher Spiteri in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[70] fejn xehed dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL-686, inkluż il-ħlasijiet u arretrati ta' liċenzja, kontijiet tac-CVA, kontravenzjonijiet u multi, u ingħad illi l-vettura tinsab reġistrata fuq isem il-konvenut u hemm: (i) kontravenzjonijiet fis-somma ta' €4,749.87, (ii) liċenzji hemm arretrati fis-somma ta' €698, (iii) multa għal *late licence fee* fis-somma ta' €100, li flimkien jammontaw għal €5,548. Jiġi spjegat illi l-

---

62 Fol. 372.
63 Fol. 372.
64 Fol. 372.
65 Fol. 373.
66 Fol. 373.
67 Fol. 373, 529, 611.
68 Fol. 377 – 380.
69 Fol. 531 – 605, 613 – 615.
70 Fol. 622.

ewwel multa tad-19 ta' Novembru 2015 hija l-unika wahda relatata mal-użu tal-vettura;[71]

k. *Nota tal-konvenut datata 31 ta' Mejju 2016*,[72] fejn ippreżenta kopja ta' kuntratt datat 23 ta' April 2009 li jinsab fl-atti ta' Dr William Azzopardi fejn il-partijiet akkwistaw wieħed u tletin (31) minn tmienja u erbgħin (48) sehem indiviż tal-garaxx numru 45, Triq ix-Xilep, Xgħajra versu l-prezz ta' €5,941.66;[73]

l. *Kuntratt datat 16 ta' Novembru 1999 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr I Cachia Zammit*, fejn il-partijiet akkwistaw il-garaxx ġewwa l-Fgura fi triq il-Kampanella.[74]

Tenut kont il-premess, il-Qorti tara illi:

*Fir-rigward tad-dar matrimonjali bl-indirizz ta' "X, X, Triq il-X, Fgura"*, il-Qorti tara li da nil-fond ġie akkwistat bejn iż-żewġ partijiet. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara illi l-proprjeta' għandha titpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ, bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' 3 *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. Ir-rikavat għandu jiġi maqsum ugwalment bejn il-partijiet.

*Fir-rigward tal-mobbli ġewwa d-dar matrimonjali*, il-Qorti tara li ma hemm l-ebda elenku ta' dawn il-mobbli, għalhekk fi kwalunkwe każ tara li fis-sitwazzjoni jkun għaqli li dawn jinbiegħu mad-dar matrimonjali;

*Fir-rigward tal-garaxx bin-numru "X, Triq il-X, Fgura"*, il-Qorti tara ukoll li dan ġie akkwstat fiż-żwieġ, u fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tara illi l-proprjeta' għandha titpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' 3 *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi

[71] Fol. 625 – 630.
[72] Fol. 402.
[73] Fol. 403, 670.
[74] Fol. 672.

jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. Ir-rikavat għandu jiġi maqsum ugwalment bejn il-partijiet.

*Fir-rigward tas-sehem indiviż akkwistat mill-partijiet mill-garaxx bin-numru "X, Triq ix-X, Xgħajra"*, tali sehem ġie akkwistat fiż-żwieġ u għalhekk fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tara illi sehem indiviż għandha tiġi assenjata lill-attriċi, stante li l-bqija tal-garaxx jappartjeni lilha mill-wirt tal-ġenituri tagħha u dan skont id-dikjarazzjoni tagħha stess. Madanakollu, il-valur ta' tali sehem indiviż għandu jiġi stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' 3 *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom daqslikieku kien prezz offrut lil terzi, b'dana illi l-attriċi għandha tirrifondi lil konvenut nofs tali valur rappreżetanti sehmu mill-istess sehem indiviż akkwistat minnu fl-2009.

*Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li jkunu intestati f'isimha b'dana illi l-bilanċ għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, filwaqt li fir-rigward ta' dawk il-kontijiet konġuti dawn għandhom jingħalqu minnufih u l-bilanċ għandu ukoll jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*Fir-rigward tal-vetturi*, il-Qorti tiddeċiedi li l-vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL-686 għandha tiġi assenjata lill-attriċi, filwaqt li l-vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni HBO-608 u l-mutur tat-tip Peugeor Tweet bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM-361 għandhom jiġu assenjati lil konvenut. Madanakollu mill-atti ma jirriżultax li tresqet prova tal-valur tal-vetturi in kwistjoni, u b'hekk il-Qorti tinsab sprovvista minn prova essenzjali sabiex tkun f'pożizzjoni li tikkwantifika dak il-kreditu a favur l-attriċi u l-konvenut rigward il-vetturi in kwistjoni. Il-Qorti hija fi kwalunkwe każ prekluża milli tillikwida tali ammont *arbitrio boni viri*, stante li dan il-prinċipju ma jistgħax jiġi addottat fin-nuqqas assolut ta' xi prova rigward l-istess. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qiegħda tissollecita lil partijiet sabiex bil-għajnuna tal-avukati tagħhom u persuni midħla fil-qasam tal-vetturi in kwistjoni, jiftiehmu fuq il-valur tagħhom u dan fi żmien xahar mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Konsegwentament, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi nofs il-valur kif miftiehem bejniethom, u dan rappreżentanti sehemha mill-imsemmija vetturi reġistrati fuq ismu, u l-istess irid isir mill-attriċi il-konfront tal-konvenut. Madanakollu, il-Qorti tara li l-multi fir-rigward tal-vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL-686 għandhom nofs bin-

nofs mill-partijiet, għaliex kien jispetta lilhom it-tnejn li jagħmlu dan u għalhekk tali nuqqas għandhom iħalsu għalih iż-żewġ partijiet b'mod ugwali.

*Fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni* bin-numru FP434079 u FP404169, il-Qorti tara li dawn għandhom jiġu *surrendered* u l-valur għandu jiġi diviż ugwalment bejn il-partijiet. Fir-rigward ta' dik il-polza ta' assigrazzjoni bin-numru FB441507 li ġiet immaturata fit-12 ta' Awwissu 2013 fis-somma ta' €74,055.60, il-Qorti tara illi l-attriċi ddikjarat li investiet is-somma ta' €50,000 li skontha kienu ġejjin mill-wirt tal-ġenituri tagħha u għalhekk huma parafernali. Iżda mill-atti jirriżulta illi din iċ-ċifra ġiet investita u mmaturat għal €74,055.60. Mal-maturita', l-attriċi għaddiet lil uliedha €25,000 kull wieħed, u b'hekk is-somma rimanenti ta' €24,055.60 żammithom għaliha. Madanakollu, u ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili, il-frott ta' tali flus jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u b'hekk bi dritt nofs is-somma ta' €24,055.60 tappartjeni lil konvenut. Fid-dawl ta' dan, l-attriċi għandha tirrifondi lil konvenut is-somma ta' €12,027.80 bħala sehmu mill-frott tal-imsemmi investiment.

*Fir-rigward ta' deheb u introjtu*, ma tresqu l-ebda prova dwar dan u għalhekk il-Qorti kienet prekluża milli tiddeċiedi dwar l-istess.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba stante li m'għadx hemm lok illi tali talba tiġi deċiża;

3. Tiċħad *rebus sic stantibus* it-tielet talba fir-rigward tal-manteniment għall-attriċi, fejn din tal-aħħar xorta waħda mhux qiegħda titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet in toto kif elenkati f'Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili;

5. Tilqa' il-ħames u s-sitt talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti'*, filwaqt li tinnomina lil Dr. Sean Critien bħala Nutar sabiex jirċievi l-atti relattivi u lil Dr. Martin Matthew Farrugia bħala kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontmaċi fuq l-imsmmija atti;

6. Tastjeni milli tiddeċiedi is-seba' talba;

7. Il-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 1301/1987, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sapportat kollha mill-konvenut.